

Brussell, 29 ta' Settembru 2025
(OR. en)

13340/25

ENER 469

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	29 ta' Settembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 539 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW li jirrieżamina l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/941

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2025) 539 final.

Mehmuż: COM(2025) 539 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.9.2025
COM(2025) 539 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT
EWROPEW**

li jirrieżamina l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/941

1. Introduzzjoni

Ir-Regolament dwar it-Tħejjija għar-Riskji (UE) 2019/941 (minn hawn 'il quddiem, “ir-Regolament”), ġie adottat fl-2019 bħala parti mill-Pakkett dwar l-Enerġija Nadifa bl-għan li jiġi żgurat li l-Istati Membri kollha jkunu mgħammra b'għodod xierqa biex jipprevjenu u jimmaniġġjaw sitwazzjonijiet ta' kriżi tal-elettriku fi spirtu ta' solidarjetà u trasparenza, u jħejju għalihom, filwaqt li jiġu rrispettati r-rekwiżiti ta' suq intern kompetittiv għall-elettriku. Ir-Regolament ġie adottat fil-kuntest tat-trasformazzjoni profonda li għaddejja tas-swieq tal-elettriku tal-UE, ikkaratterizzata minn swieq aktar deċentralizzati b'aktar atturi, proporzjon oġhla ta' enerġija rinnovabbli u swieq tal-elettriku interkonnessi aħjar, li jappella għal miżuri ta' sigurtà tal-provvista aktar koordinati.

Ir-Regolament kellu l-għan li jindirizza dawn l-isfidi permezz ta' varjetà ta' miżuri, jiġifieri: (1) l-identifikazzjoni ta' xenarji reġjonali u nazzjonali ta' kriżi tal-elettriku, (2) il-valutazzjoni tar-riskji relatati mas-sjieda tal-infrastruttura rilevanti għas-sigurtà tal-provvista (SoS, Security of Supply) tal-elettriku, (3) il-valutazzjonijiet tal-adeqwatezza staġunali u għal terminu qasir, (4) il-pjanijiet ta' tħejjija għar-riskji, (5) il-miżuri reġjonali u bilaterali biex ikun hemm kooperazzjoni fil-prevenzjoni jew fil-ġestjoni ta' kriżi, (6) l-eżerċizzji. Dan ir-rapport jivvaluta l-applikazzjoni ta' tali miżuri abbażi tal-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni tiegħu¹ u skont l-Artikolu 18(4) tar-Regolament, li jirrikjedi t-tħejjija ta' dan ir-rapport sal-1 ta' Settembru 2025.

B'mod parallel, il-Kummissjoni qiegħda tħejji kontroll tal-idoneità li jivvaluta l-konsistenza u s-sinerġiji bejn ir-Regolament u r-Regolament (UE) 2017/1938 dwar is-Sigurtà tal-Provvista tal-Gass. Dan ir-rapport, ir-rapport dwar il-kontroll tal-idoneità, kif ukoll valutazzjoni tal-impatt li ġejja se jħejju t-triq għal reviżjoni tal-qafas tas-sigurtà tal-enerġija tal-UE li ttabbar fl-Pjan ta' Azzjoni għal Enerġija Affordabbli² u l-Istrateġija Ewropea għal Unjoni tal-Preparatezza³. Ir-reviżjoni se ttejjeb ukoll is-sigurtà tal-provvista tal-elettriku fil-livell tal-Unjoni, b'attenzjoni partikolari għall-integrazzjoni tas-sistema u għar-riskji emerġenti (eż. l-impatti tat-tibdil fil-klima, it-theddid ibridu, eċċ.).

2. Analiżi tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jinsabu fir-Regolament

2.1 Identifikazzjoni ta' xenarji reġjonali u nazzjonali ta' kriżi tal-elettriku

Kull 4 snin, in-Network Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Elettriku (ENTSO-E, European Network of Transmission System Operators for Electricity) għandu jidentifika l-aktar xenarji reġjonali⁴ rilevanti ta' kriżi tal-elettriku fir-rigward tal-adeqwatezza tas-sistema, tas-sigurtà tas-sistema u tas-sigurtà tal-fjuwil, f'kooperazzjoni mill-qrib ma'

¹ Dan ir-rapport tħejja qabel ma jsiru disponibbli l-konklużjonijiet tal-Bord ta' Esperti stabbilit mill-ENTSO-E biex jinvestiga l-blackout fis-sistemi tal-elettriku ta' Spanja u tal-Portugall fit-28 ta' April 2025. Konsegwentement, tali konklużjonijiet ma humiex riflessi f'dan ir-rapport.

² COM(2025) 79 final.

³ JOIN(2025) 130 final

⁴ Skont ir-Regolament dwar it-Tħejjija għar-Riskji, “reġjun” tfisser grupp ta' Stati Membri li l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni tagħhom jikkondividu l-istess ċentru ta' koordinazzjoni reġjonali.

diversi partijiet ikkonċernati⁵ (l-Artikolu 6). L-identifikazzjoni ssegwi metodoloġija żviluppata mill-ENTSO-E u approvata⁶ mill-Aġenzija għall-Koperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER, Agency for the Cooperation of Energy Regulators) (l-Artikolu 5). Ix-xenarji reġjonali huma l-bażi għall-Istati Membri biex sussegwentement jidentifikaw xenarji nazzjonali ta' kriżi tal-elettriku (l-Artikolu 7). Iż-żewġ tipi ta' xenarji huma l-bażi għat-tfassil ta' miżuri preventivi u ta' mitigazzjoni sodi.

L-ewwel valutazzjoni tax-xenarju reġjonali ta' kriżi twettqet f'Settembru 2020 mill-ENTSO-E. Fil-Pjanijiet ta' Tħejjija għar-Riskji tagħhom (minn hawn 'il quddiem, "il-Pjanijiet") li ppreżentaw lill-Kummissjoni fl-2022, l-Istati Membri żammew biss ix-xenarji reġjonali sinifikanti għalihom u żiedu oħrajn speċifiċi meta rilevanti (eż. ix-xenarju ta' *Dunkelflaute* għan-Netherlands). Abbażi tal-esperjenza tal-ewwel identifikazzjoni tax-xenarji, tal-ewwel sett ta' pjanijiet u tar-rakkomandazzjoni tal-Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Elettriku⁷, l-ENTSO-E f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ACER u mal-Kummissjoni, irreveda l-metodoloġija. Din il-metodoloġija riveduta⁸ ġiet approvata mill-ACER fl-2024 u ntużat għat-tieni identifikazzjoni tax-xenarji reġjonali ta' kriżi tal-elettriku li ġiet konkluża f'Settembru 2024. It-titjib fil-metodoloġija jinkludi deskrizzjoni mtejbja tax-xenarji reġjonali, simulazzjonijiet obligatorji ta' għadd dejjem akbar ta' xenarji b'livell ogħla ta' severità, approċċ dixxendenti għid biex tiġi żgurata dimensjoni reġjonali wiesgħa mill-istadji bikrija tal-proċess ta' identifikazzjoni, u interazzjoni kontinwa mal-partijiet ikkonċernati.

Din kienet l-ewwel darba li ġie identifikat sett ta' xenarji reġjonali konkreti li fuqhom tista' tinbena l-ħidma fuq il-miżuri u b'hekk **jiġi pprovdut grad ta' konsistenza madwar l-Istati Membri**. Dan huwa stadju importanti sinifikanti li laqqa' flimkien lill-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni (TSOs, Transmission System Operators) u lill-awtoritajiet nazzjonali biex jikkunsidraw xenarji ta' riskju lil hinn mill-fruntieri nazzjonali minħabba d-dimensjoni reġjonali ta' xi riskji (eż. sjuq qawwijin, li jinkludu mewġiet tas-sħana, nirien forestali, nixfiet) u l-livell ogħla ta' interkonnessjoni tas-sistema tal-elettriku.

Madankollu, minkejja t-titjib li diġà nkiseb, hemm xi dgħufijiet persistenti. L-ewwel nett, id-**deskrizzjoni tax-xenarji ta' riskju fil-biċċa l-kbira tal-pjanijiet nazzjonali kienet pjuttost superfiċjali u insuffiċjenti** biex wieħed jifhem x'kienu l-impatti konkreti tagħhom. Dan kien il-każ għal xenarji li jikkonċernaw attakki malizzjużi kif ukoll eventi ta' temp estrem u adattament għat-tibdil fil-klima. Pereżempju, u b'mod partikolari għal xenarji relatati maċ-ċibersigurtà, il-Kummissjoni talbet aktar dettalji dwar ir-rekwiżiti taċ-ċibersigurtà, il-proċeduri ta' inċidenti u l-atturi rilevanti. It-tieni, ma kien hemm **l-ebda informazzjoni konkreta biex jiġu kkwantifikati l-effetti konsegwenzjali potenzjali ta' kriżi tal-gass fuq is-settur tal-elettriku** sabiex tiġi ddeterminata l-ħtieġa ta' miżuri preventivi (reġjonali) potenzjali, anke fid-dawl tal-bidliet drammatiċi li rriżultaw mill-invażjoni fuq skala sħiħa tal-Ukrajna mir-Russja. Fil-fatt, xi Stati Membri kellhom jelaboraw xenarji *ad hoc* jew iwettqu testijiet tal-istress biex

⁵ Il-Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Elettriku (Grupp ta' Esperti magħmul mill-Istati Membri, mill-ACER u mill-ENTSO-E), iċ-ċentri ta' koordinazzjoni reġjonali (RCCs, Regional Coordination Centres) u l-awtoritajiet pubbliċi fl-Istati Membri.

⁶ [Id-Deċiżjoni tal-ACER tas-6 ta' Marzu 2020](#)

⁷ Rakkomandazzjoni maħruġa mill-Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Elettriku skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament

⁸ [Id-Deċiżjoni tal-ACER Nru 02/2024 tat-8 ta' Marzu 2024](#)

jifhmu l-firxa tal-impatti ta' avveniment bħal dan. Sabiex tirrimedja din is-sitwazzjoni, il-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri japprofondixxu l-analiżi tax-xenarji biex jinkludu r-riskji ġeopolitiċi, id-dipendenza fuq il-fjuwils importati u fuq ktajjen tal-provvista oħra minn pajjiżi terzi u l-effetti konsegwenzjali minn setturi oħra fuq l-elettriku⁹, ¹⁰. It-tielet, l-ENTSO-E għamel stima qabel ix-xitwa 2022-2023 tal-volumi kritiċi tal-gass neċċessarji għall-operat tas-settur tal-elettriku matul ix-xitwa biex jappoġġa t-teħid ta' deċiżjonijiet mill-gvernijiet. Minkejja dawn is-soluzzjonijiet ad hoc, dan wera nuqqas fundamentali f'element ewlieni tal-loġika tal-istat ta' tħejjija għar-riskji tal-elettriku li jappella għal dispozzjonijiet aktar konkreti u operazzjonali, u aktar riflessjonijiet dwar l-impatt tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili importati.

Kwistjonijiet oħra jikkonċernaw il-**kunsiderazzjoni limitata tal-azzjonijiet preventivi u ta' mitigazzjoni** fi ħdan is-simulazzjonijiet tax-xenarju, li jistgħu jwasslu għal eżiti aktar severi minn dak li jista' jkun raġonevolment mistenni fil-prattika. Konsegwentement, ix-xenarji reġjonali jistgħu jirriżultaw f'riżultati aktar severi minn dawk nazzjonali. Barra minn hekk, ir-rabta max-xenarji ta' interruzzjoni tal-provvista tal-gass naturali u tal-infrastruttura tal-ENTSOG hija dgħajfa, u dan iwassal għall-konklużjoni ġenerali li l-**konsistenza u l-koordinazzjoni transsettorjali huma limitati**, minkejja d-dispozzjonijiet fir-Regolament.

Fir-rigward tal-adattament għat-tibdil fil-klima, kwistjoni komuni kienet in-nuqqas ta' konsiderazzjonijiet tal-vulnerabbiltà klimatika u tar-riskju fix-xenarji li jistgħu jgħinu fit-tfassil ta' miżuri preventivi biex jitnaqqas l-esponiment għar-riskji relatati mal-klima. Bi fteit eċċezzjonijiet, indikazzjoni ċara ta' kif l-iżviluppi tal-grilja futuri se jgħinu biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi ta' dawn ir-riskji kienet nieqsa mill-pjanijiet (ara wkoll it-taqsim 2.4). Fl-aħħar nett, **jeħtieġ li jinstab bilanċ dwar kif id-dimensjoni nazzjonali tiġi inkorporata fis-simulazzjonijiet** biex tikkomplementa l-analiżi reġjonali. Fejn id-dimensjoni nazzjonali tkun limitata, l-impatti ta' xi tipi ta' riskji jistgħu jkunu sottovalutati (eż. in-nirien fis-selvaġġ), iżda fejn tkun prominenti wisq, hemm riskju ta' valutazzjonijiet frammentati wisq u ffokati fuq livell nazzjonali, li l-involvement ta' Ċentri ta' Koordinazzjoni Reġjonali (RCCs, Regional Coordination Centres) ma solviex.

2.2 Riskji relatati mas-sjieda tal-infrastruttura rilevanti għall-SoS tal-elettriku

Fi żmien 4 xhur mill-identifikazzjoni tax-xenarji reġjonali ta' kriżi, l-Istati Membri jridu jidentifikaw u jinnotifikaw¹¹ lill-Kummissjoni u lill-Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Elettriku (ECG, Electricity Coordination Group) kwalunkwe riskju relatat mas-sjieda tal-infrastruttura rilevanti għas-sigurtà tal-provvista tal-elettriku (l-Artikolu 7(4) u l-premessa (17)). Jekk ikun rilevanti, l-Istati Membri jridu jindikaw ukoll kwalunkwe miżura preventiva jew ta' mitigazzjoni rilevanti.

L-Istati Membri nnotifikaw l-ewwel valutazzjonijiet tagħhom ta' tali riskji f'Jannar 2021. Dawn il-valutazzjonijiet iffukaw l-aktar fuq l-infrastruttura tat-trażmissjoni, li f'hafta każijiet

⁹ Pereżempju, iż-żieda fid-domanda għall-elettriku għal skopijiet ta' tisħin fin-nuqqas ta' fjuwils oħra.

¹⁰ It-talbiet tal-Kummissjoni kienu parti minn opinjonijiet tal-Kummissjoni mhux vinkolanti mogħtija skont l-Artikolu 13(2) tar-Regolament.

¹¹ Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri (24) u l-Irlanda ta' Fuq nnotifikaw bejn Q4 2020 u Q1 2021. Malta u l-Latvja għamlu n-notifika tagħhom lill-ECG f'Ġunju 2021, wara EU Pilot. Il-Greċja għamlet in-notifika tagħha lill-ECG f'Ġunju 2022, wara ittra ta' intimazzjoni.

hija proprjetà tal-Istat jew proprjetà ta' entitajiet fejn l-Istat għandu sehem maġġoritarju. Ftit Stati Membri identifikaw riskji potenzjali ta' sjieda u dawn tqiesu li huma improbabbli. Barra minn hekk, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għandhom fis-seħħ miżuri preventivi u ta' tħejjija, bħal mekkaniżmi ta' skrinjar għall-investimenti diretti barranin jew proċeduri speċifiċi li jirregolaw it-trasferimenti tas-sjieda. Il-valutazzjoni reġgħet saret f'Jannar 2025 b'riżultati simili.

Din id-dispożizzjoni rriżultat f'valutazzjoni ddedikata tar-riskji tas-sjieda għall-ewwel darba. Madankollu, **l-enfasi kienet kważi esklużivament fuq il-grilji tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni. Assi rilevanti oħra, bħall-assi tal-ġenerazzjoni, normalment ma kinux ikkunsidrati** (bi ftit eċċezzjonijiet) anke meta l-intrapriżi tal-Istat minn pajjiżi terzi jkollhom ishma f'assi tal-ġenerazzjoni. Dan ifisser ukoll li r-riskji transsettorjali, pereżempju dawk relatati mas-sjieda tal-infrastruttura rilevanti fis-settur tal-gass, ma ġewx ikkunsidrati. Dan huwa qasam fejn huwa meħtieġ titjib.

2.3 Valutazzjonijiet tal-adegwatezza staġunali u għal terminu qasir:

L-ENTSO-E għandu jwettaq valutazzjonijiet tal-adegwatezza staġunali fil-livell tal-Unjoni qabel kull xitwa u sajf u jippubblikahom sal-1 ta' Diċembru u l-1 ta' Ġunju rispettivament. Filwaqt li dan l-obbligu ma huwiex ġdid¹², dawn il-valutazzjonijiet iridu jitwettqu skont metodoloġija komuni ġdida (l-Artikolu 8). Tali metodoloġija għandha tintuża għall-valutazzjonijiet kollha tal-adegwatezza għal terminu qasir, kemm jekk jitwettqu fil-livell nazzjonali, reġjonali jew tal-Unjoni.

Il-metodoloġija għall-valutazzjonijiet tal-adegwatezza għal terminu qasir u staġunali ġiet approvata mill-ACER f'Marzu 2020, fuq proposta mill-ENTSO-E, u ilha tintuża minn dak iż-żmien mill-ENTSO-E għat-tħejjija tal-“Prospettiva tax-Xitwa” u tal-“Prospett tas-Sajf”. Dawn il-valutazzjonijiet saru għodda rilevanti ħafna fit-tħejjija ta' kull staġun u speċjalment f'sitwazzjonijiet fejn ir-riskji affettwaw diversi Stati Membri fl-istess ħin, pereżempju n-nuqqas ta' disponibbiltà ta' ġenerazzjoni f'pajjiżi li tradizzjonalment jesportaw. Barra minn hekk, sa mill-invażjoni fuq skala sħiħa tal-Ukrajna mir-Russja, l-adozzjoni tal-Prospetti tax-xitwa ġiet antiċipata għal Novembru b'diskussjonijiet minn qabel dwar ix-xejriet osservati u l-għarfien preliminarj tal-ECG f'Ottubru wkoll, biex jingħata aktar żmien ħalli jiġu adottati miżuri preventivi qabel ix-xitwa.

Madankollu, għad hemm lok għal titjib, pereżempju dwar il-kunsiderazzjoni tal-effetti konsegwenzjali minn setturi oħra. Il-kalkolu tal-volumi kritiċi tal-gass (ara t-taqsima 2.1.) kien utli, u baqa' fil-Prospetti tax-Xitwa sussegwenti, iżda jiżvela l-**ħtieġa ta' aktar integrazzjoni bejn il-gass u l-elettriku**, f'kuntest ta' sehem dejjem akbar ta' ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli u l-eliminazzjoni gradwali tal-gass fossili, u possibbilment setturi oħra fil-futur (eż. l-idroġenu). Xi Stati Membri talbu wkoll li r-riżultati tal-valutazzjoni tax-xitwa tal-ENTSOG jiġu kkunsidrati fil-prospett tax-xitwa għall-elettriku, kif ukoll għal aktar integrazzjoni u kooperazzjoni bejn iż-żewġ ENTOSs.

¹² L-Artikolu 106(1 u 2) tar-Regolament (UE) 2017/1485, jinkariga lit-TSOs biex jikkontribwixxu għall-analiżi pan-Ewropea tal-prospetti tax-xitwa u tas-sajf permezz ta' analiżi tal-adegwatezza taż-żona ta' kontroll, filwaqt li l-Artikolu 8(3)(f) tar-Regolament (KE) Nru 714/2009 (imħassar) jinkludi fost il-kompiti tal-ENTSO-E “prospetti annwali dwar l-adegwatezza tal-provvista ġenerata għas-sajf u għax-xitwa”.

Fir-rigward tal-valutazzjoni tal-adeqwatezza għal terminu qasir, l-RCCs kollha diġà implementawha u għandhom għodda tal-adeqwatezza pan-Ewropea għal terminu qasir. Il-valutazzjoni tal-adeqwatezza għal terminu qasir hija importanti għall-għarfien tas-sitwazzjoni u biex jiġu solvuti r-restrizzjonijiet potenzjali fil-perjodu ta' ġimgħa ta' qabel (is-7 ijiem li jkunu ġejjin), u b'hekk hija indikatur sinifikanti ta' jekk il-kriżi tal-elettriku hijiex imminenti fl-Istati Membri meta tiġi kkunsidrata l-adeqwatezza (jiġifieri jekk il-pajjiż jistax jissodisfa d-domanda ta' pajjiż bil-ġenerazzjoni u l-iskambji tiegħu). Madankollu, dan l-approċċ ma jinkludix il-flussi tal-enerġija u l-analiżi tas-sigurtà tas-sistema, bħall-identifikazzjoni ta' kollegamenti dgħajfa li jistgħu jitgħabbew b'mod eċċessiv u jikkawżaw avvenimenti kaskata mingħajr kontroll (N-k). L-analiżi tas-sigurtà tista' tipprovdni dimensjoni addizzjonali fis-sigurtà tal-provvista tal-elettriku. Għalhekk, xi Stati Membri indikaw il-ħtieġa li tiġi inkluża fiha l-infrastruttura tat-trażmissjoni, li bħalissa hija nieqsa fil-valutazzjonijiet, peress li fil-każ ta' kriżi imminenti tista' tipprovdni ħarsa ġenerali lejn iż-żoni ta' konġestjoni potenzjali li jimpedixxu l-fluss tal-enerġija lejn fejn tkun meħtieġa.

2.4 Pjanijiet ta' tħejji għar-riskji

Abbażi tax-xenarji reġjonali u nazzjonali ta' kriżi tal-elettriku, l-Istati Membri jridu jadottaw u jaġġornaw kull 4 snin il-Pjanijiet nazzjonali ta' Tħejji għar-Riskji (il-“Pjanijiet”), wara li jkunu kkonsultaw lill-partijiet ikkonċernati u lill-korpi nazzjonali rilevanti. Qabel l-adozzjoni tagħhom, l-Istati Membri jridu jikkonsultaw lill-Istati Membri rilevanti fir-reġjun tagħhom, lil Stati Membri rilevanti oħra konnessi direttament u lill-ECG dwar l-abbozzi tal-verżjonijiet tal-pjanijiet tagħhom biex jiżguraw il-konsistenza (l-Artikolu 10). L-Artikoli 11 u 12 jiddeskrivu l-kontenut obligatorju tal-Pjanijiet u mudell huwa pprovdut ukoll fl-Anness¹³.

L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti adottaw il-Pjanijiet tagħhom u nnotifikawhom lill-Kummissjoni matul l-2022¹⁴, wara li saru l-konsultazzjonijiet obligatorji. Il-Kummissjoni vvalutat il-pjanijiet. Filwaqt li ħafna kienu pjuttost komprensivi fid-deskrizzjoni tal-qafas nazzjonali, hija ħarġet opinjonijiet¹⁵ li jindikaw in-**nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet mir-Regolament** u talbet emendi. Fit-talba tagħha għal emendi, minħabba ċ-ċirkostanzi wara l-invażjoni fuq skala sħiħa tar-Russja fl-Ukrajna, il-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri, bħala kwistjoni ta' prijetà, biex: i) jaġġornaw il-pjanijiet b'enfasi prammatika fuq l-impatt ta' nuqqas ta' fjuwils fossili importati (mir-Russja), pereżempju l-bdil tal-fjuwil, iż-żieda fid-domanda għall-elettriku f'każ ta' nuqqas ta' fjuwils oħra għat-tisħin, ii) iwettqu test tal-pjan qabel ix-xitwa; iii) jiżviluppaw id-dispożizzjonijiet ta' solidarjetà (ara t-taqsima 2.7) u iv) japprofondixxu l-valutazzjoni tax-xenarji ta' kriżi (ara t-taqsima 2.2).

Talbiet komuni oħra mill-Kummissjoni huma relatati ma':

¹³ Il-kapitoli ewlenin tal-pjanijiet huma: i) is-sommarju tax-xenarji ta' kriżi tal-elettriku, ii) ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-awtorità kompetenti, iii) il-proċeduri u l-miżuri li għandhom jiġu segwiti f'sitwazzjonijiet ta' kriżi tal-elettriku, iv) il-koordinatur tal-kriżi, u l-informazzjoni dwar v) il-konsultazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati matul il-proċess ta' tħejji tal-pjanijiet u dwar vi) it-testijiet ta' emerġenza li l-awtoritajiet kompetenti suppost jorganizzaw fuq bażi regolari.

¹⁴ Sal-iskadenza tal-5 ta' Jannar 2022, 14-il Stat Membru biss kienu ppreżentaw il-Pjanijiet tagħhom. Disgħa oħra nnotifikaw sa tmiem April 2022 u l-aħħar Pjan ġie nnotifikat f'Diċembru 2022 wara li twettqet sensiela ta' azzjonijiet ta' infurzar mill-Kummissjoni.

¹⁵ https://energy.ec.europa.eu/topics/energy-security/security-electricity-supply/risk-preparedness-plans-electricity-sector-national-competent-authorities-and-commissions-opinions_mt

- **id-deskrizzjoni limitata tax-xenarji nazzjonali ta' kriżi tal-elettriku** (ara t-taqsima 2.1),
- **id-definizzjoni ta' kriżi tal-elettriku**, peress li huwa neċessarju li l-partijiet ikkonċernati u pajjiżi oħra jipprevedu meta tista' tiġi ddikjarata emerġenza u, aktar importanti, meta jiġu applikati miżuri mhux ibbażati fuq is-suq,
- **it-testijiet obbligatorji ta' emerġenza** (ara t-taqsima 2.8),
- **informazzjoni dwar il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati** fuq bażi obbligatorja qabel l-istabbiliment tal-Pjan (l-Artikolu 10(1) tar-Regolament),
- **aktar informazzjoni dwar xi miżuri nazzjonali**, inklużi proċeduri, skattaturi u kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tagħhom, speċjalment għal miżuri mhux ibbażati fuq is-suq li għandhom jiġu attivati fi kriżi tal-elettriku (bħala l-aħħar alternattiva biss u b'mod mhux distorsiv),
- **pjanijiet għall-iżvilupp ta' grilji futuri** biex jgħinu ħalli jiġu indirizzati r-riskji identifikati,
- **il-mekkaniżmi użati biex il-pubbliku jiġi informat dwar kriżijiet tal-elettriku**,
- **il-mekkaniżmi għall-kooperazzjoni u għall-koordinazzjoni mal-Istati Membri barra mir-reġjun tagħhom** jew ma' pajjiżi terzi.

Il-pjanijiet huma l-pedament tar-Regolament. Dawn jipprovdu trasparenza u jippermettu l-koordinazzjoni ta' miżuri fir-reġjuni kollha. Fil-fatt, fil-Prospett tax-Xitwa 2022-2023¹⁶ tiegħu, l-ENTSO-E kkonkluda li l-kooperazzjoni transfruntiera u l-koordinazzjoni mill-qrib fil-livelli kollha kienu se jkunu kruċjali matul dik ix-xitwa biex jiġi żgurat li s-sistema tal-enerġija Ewropea żżomm il-bilanċ tagħha bejn il-provvista u d-domanda u rreferiet speċifikament għall-iskambju dwar il-pjanijiet ta' tħejjija għar-riskji.

Madankollu, għad hemm lok għal titjib. Minħabba li x-xenarji ma ġewx deskritti f'dettall estensiv, ma huwiex possibbli li jiġi konkluż jekk il-miżuri xierqa kollha biex jiġu indirizzati r-riskji identifikati ġewx inklużi fil-pjanijiet u adottati. Ir-rabta transsettorjali tibqa' waħda dgħajfa wkoll, u hemm dubju dwar jekk għadd ta' pjanijiet għandhomx approċċ li jħares lejn il-futur, kif muri mill-kunsiderazzjoni limitata tal-iżviluppi futuri tal-grilja.

F'termini ta' proċedura, **id-dispożizzjonijiet jistgħu jitqiesu ta' piż żejjed**, kemm għall-adozzjoni tal-pjanijiet, għall-valutazzjoni tagħha mill-Kummissjoni kif ukoll għar-risposta għat-talba tal-Kummissjoni għal emendi, li ġiet evidenzjata minn ħafna każijiet ta' dewmien minkejja azzjonijiet ta' infurzar. Barra minn hekk, filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri inkludew aktar dettalji fil-pjanijiet tagħhom skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni, mhux il-kwistjonijiet kollha ġew indirizzati u dan juri effettività limitata taċ-ċirkwit ta' feedback. L-effiċjenza tal-proċess amministrattiv tal-pjanijiet ta' tħejjija għar-riskji hija diskussa b'mod aktar estensiv fir-rapport dwar il-kontroll tal-idoneità.

2.5 Miżuri reġjonali u bilaterali għall-kooperazzjoni fil-prevenzjoni jew fil-ġestjoni ta' kriżi

Ir-Regolament stabbilixxa mekkaniżmu ġdid għall-Istati Membri biex jikkooperaw fi spirtu ta' solidarjetà biex jipprevjenu jew jimmaniġġjaw il-kriżijiet (l-Artikolu 15). Fejn teżisti l-kapaċità

¹⁶ [ENTSO-E's Winter Outlook 2022-2023](#)

teknika meħtieġa, l-Istati Membri jridu joffru lil xulxin assistenza permezz ta' miżuri "reġjonali" jew "bilaterali"¹⁷ bl-għan aħħari li jipproteġu s-sikurezza pubblika u s-sigurtà personali. L-arranġamenti tekniċi, legali u finanzjarji neċessarji għall-implimentazzjoni ta' tali miżuri reġjonali jew bilaterali jeħtieġ li jiġu miftiehma minn qabel bejn l-Istati Membri, inkluż fir-rigward ta' kumpens ġust. Sussegwentement, kull Stat Membru jrid jimplimenta u jiddeskrivi fil-pjan tiegħu l-miżuri nazzjonali li jiżguraw l-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tal-miżuri ta' solidarjetà. Il-Kummissjoni pprovdiet gwida¹⁸ lill-Istati Membri dwar l-elementi ewlenin ta' kumpens ġust u aspetti oħra li għandhom jiġu inklużi fl-arranġamenti tekniċi u finanzjarji bejn l-Istati Membri għall-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' assistenza.

L-informazzjoni dwar dawn il-miżuri kienet fil-biċċa l-kbira nieqsa mill-Pjanijiet. F'xi każijiet (disgħa), il-Pjanijiet irreferew għall-arranġamenti eżistenti għall-kooperazzjoni reġjonali u bilaterali u identifikkaw għadd ta' miżuri possibbli futuri, iżda dawn ma ġewx miftiehma jew adottati sa issa. Wieħed mill-aktar każijiet avvanzati kien il-Forum tal-Enerġija Pentalaterali¹⁹, li l-membri tiegħu ffirmaw memorandum ta' qbil f'Diċembru 2021 b'lista ta' miżuri komuni possibbli għal aktar analiżi. L-Istati Membri tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant iffirmaw MtQ simili fl-2022. F'każijiet oħra (15), l-Istati Membri rreferew għall-arranġamenti eżistenti bejn it-TSOs iżda fin-nuqqas ta' aktar informazzjoni dwar il-miżuri konkreti, ma kienx ċar jekk tali ftehimiet kinux jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-Regolament. Il-pjanijiet emendati wara t-talba tal-Kummissjoni għal aktar informazzjoni ma żidux informazzjoni sinifikanti u sempliċement indikaw in-negozjati li għaddejjin mal-ġirien tagħhom. Dan huwa b'mod ċar qasam fejn hemm bżonn ta' titjib sostanzjali.

Dan il-mekkaniżmu għall-kooperazzjoni bilaterali u reġjonali tfassal b'mod li ppermetta flessibbiltà sinifikanti għall-implimentazzjoni tal-Istati Membri billi stabbilixxa dispożizzjonijiet u rekwiżiti minimi. Filwaqt li approċċ b'hal dan huwa ta' benefiċċju biex jitqiesu kundizzjonijiet speċifiċi differenti, l-evidenza²⁰ tissuġġerixxi li l-implimentazzjoni Prattika kienet ta' sfida peress li tirrikjedi ftehim minn qabel u diskussjoni dwar għadd ta' oqsma fundamentali fejn l-Istati Membri kellhom punti ta' tluq differenti ħafna. L-isfidi ffaċċjati jinkludu definizzjonijiet differenti ta' kriżijiet tal-elettriku, id-definizzjoni tal-ambitu tal-azzjonijiet tal-awtorità kompetenti matul kriżi, inkluż b'appoġġ għal ħaddieħor, l-iżvilupp ta' mekkaniżmi ta' kumpens finanzjarju u l-istabbiliment ta' protokoll ta' komunikazzjoni u koordinazzjoni. Filwaqt li l-Kummissjoni għamlet xi sforzi biex tappoġġa lill-Istati Membri (eż. kjarifika tad-definizzjoni ta' kriżi tal-elettriku lil hinn mill-kontenut tar-Regolament²¹,

¹⁷ Il-miżuri reġjonali jiġu miftiehma f'reġjun filwaqt li l-miżuri bilaterali jiġu miftiehma bejn żewġ pajjiżi interkonnessi b'mod elettriku iżda li ma jkunux fl-istess reġjun. Fl-Artikolu 2 tar-Regolament, reġjun huwa definit b'hal grupp ta' Stati Membri li t-TSOs tagħhom jikkondividu l-istess ċentru ta' koordinazzjoni reġjonali. Dispożizzjonijiet tranżizzjonali applikati sakemm jiġu stabbiliti ċ-ċentri ta' koordinazzjoni reġjonali (l-Artikolu 22 tar-Regolament)

¹⁸ ĠU L 184, 12.6.2020, p. 79–93

¹⁹ Il-Forum tal-Enerġija Pentalaterali huwa sħubija reġjonali li tinkludi l-Istati Membri li ġejjin: il-Belġju, in-Netherlands, il-Lussemburgu, il-Ġermanja, Franza u l-Awstrija.

²⁰ Li jirriżultaw b'mod notevoli minn żewġ workshops organizzati mill-Kummissjoni mal-Istati Membri, f'Mejju 2023 u f'Ġunju 2024.

²¹ Ir-Regolament iħalli marġni sinifikanti għall-Istati Membri biex jiddefinixxu kriżi, peress li huma stess jiddeterminaw x'inhu "nuqqas sinifikanti ta' elettriku" (l-Artikolu 2). Fil-prattika dan iwarja minn approċċi dettaljati u speċifiċi inklużi valuri tal-indikaturi għal definizzjonijiet ġeneriċi ħafna li jħallu flessibbiltà għall-Istati Membri biex jiddikjaraw kriżi skont iċ-ċirkostanzi.

spjegazzjoni tar-rabta bejn ir-Regolament u l-kodiċi tan-Network ta' emerġenza u restawr²², kondivizzjoni tal-prattiki eżistenti għall-kooperazzjoni reġjonali u xi miżuri eżistenti²³), l-ebda mekkaniżmu uniku għid ta' kooperazzjoni bilaterali jew reġjonali ma għie żviluppat bis-sħiħ.

2.6 Eżerċizzji

Ir-Regolament jirrikjedi ttestjar perjodiku tal-effettività tal-proċeduri fil-pjanijiet għall-prevenzjoni ta' kriżijiet tal-elettriku, inklużi mekkaniżmi dwar il-kondivizzjoni tal-informazzjoni u l-kooperazzjoni. Għandu jiġi inkluż kalendarju għat-testijiet ta' emerġenza biennali reġjonali u, jekk ikun applikabbli daww nazzjonali, fil-pjanijiet b'dettalji dwar il-proċeduri u l-atturi involuti. It-tagħlimiet minn dawn it-testijiet iridu jiġu riflessi f'edizzjonijiet sussegwenti tal-pjanijiet.

B'mod ġenerali, il-pjanijiet jew il-verżjonijiet emendati tagħhom jinkludu informazzjoni limitata dwar l-eżerċizzji, l-aktar informazzjoni ġenerika dwar il-proċeduri tal-eżerċizzju u l-partijiet ikkonċernati involuti. Il-kalendarju obligatorju għall-eżerċizzji ta' simulazzjoni tal-kriżijiet reġjonali u nazzjonali futuri f'ħin reali huwa nieqes għall-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. L-Istati Membri tal-Forum tal-Enerġija Pentalaterali biss²⁴ kienu pjuttost attivi fl-organizzazzjoni ta' eżerċizzji ta' kriżi tal-elettriku, li rriżultaw f'titjib tal-pjanijiet tagħhom (pereżempju, il-protokoll ta' komunikazzjoni). Barra minn hekk, Stat Membru wieħed biss iddeskriva rabta bejn is-setturi tal-elettriku u tal-gass fit-testijiet ta' emerġenza.

Bħala konklużjoni, u abbażi tal-informazzjoni pprovduta, **it-testijiet tal-proċeduri fil-pjanijiet kienu fl-aħjar każ limitati, anke jekk il-benefiċċji ta' tali testijiet huma rikonoxxuti b'mod wiesa' mill-esperti.** Dan ikun favur dispożizzjonijiet aktar preskrittivi dwar l-eżerċizzji u possibbilment rwol ta' faċilitazzjoni minn attur ieħor fil-każ ta' eżerċizzji reġjonali, abbażi tal-eżempju tal-Istati Membri tal-Forum tal-Enerġija Pentalaterali. Fl-istess ħin, għadd ta' delegati tal-Istati Membri esprimew it-tħassib tagħhom fl-ECG fuq għadd kbir ta' eżerċizzji ppjanati f'oqsma differenti u li jittrattaw l-elettriku, u dan jirriskja li joħloq ċerta għeja matul l-eżerċizzju u li fl-aħħar mill-aħħar jista' jillimita r-riżorsi disponibbli għall-eżerċizzji kif meħtieġ mir-Regolament. F'dan il-qasam, hemm lok sostanzjali għal titjib u għal sinerġiji aħjar.

3. Konklużjonijiet

L-implimentazzjoni tar-Regolament ippermettiet lill-UE tagħmel progress rilevanti fis-sigurtà tal-provvista tal-elettriku tagħha. Din ipprovdiet l-ewwel qafas komuni u uniformi madwar l-UE għat-tħejjija għar-riskji tal-elettriku, u l-Istati Membri żviluppaw pjanijiet ta' tħejjija għar-riskji, ibbażati fuq xenarji reġjonali u nazzjonali ta' kriżi tal-elettriku, skont metodoloġiji unifikati u mudell komuni.

Madankollu, dan ir-rapport jenfasizza wkoll xi oqsma għal titjib sinifikanti. Dan jinkludi l-ħtieġa ta' analiżi aktar dettaljata tax-xenarji reġjonali u nazzjonali tal-kriżi tal-elettriku biex jiġi appoġġat it-tfassil tal-politika (miżuri preventivi u ta' emerġenza), l-iżvilupp ta' miżuri

²² Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2196 tal-24 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi kodiċi tan-network dwar l-emerġenza u r-restawr tal-elettriku, ĠU L 312, 28.11.2017, p. 54–85.

²³ It-tieni workshop organizzat mill-Kummissjoni f'Ġunju 2024.

²⁴ Il-Belġju, in-Netherlands, il-Lussemburgu, il-Ġermanja, Franza, l-Awstrija u l-Iżvizzera.

reġjonali u bilaterali aktar effettivi biex ikun hemm kooperazzjoni fil-prevenzjoni jew fil-ġestjoni ta' kriżi, u l-użu ta' eżerċizzji u testijiet ta' emerġenza biex tiġi żgurata l-effettività tal-pjanijiet nazzjonali. Dan ir-rapport jidentifika wkoll nuqqas fl-approċċ tal-integrazzjoni tas-sistema fir-rigward tas-sigurtà tal-provvista u r-reżiljenza tas-sistema, li toħloq xi dgħufijiet fil-qafas attwali.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tħares lejn l-eżitu u r-rakkomandazzjonijiet tal-Bord ta' Esperti stabbilit f'konformità mal-liġi tal-UE biex jiġi investigat il-blackout fis-sistemi tal-elettriku ta' Spanja u tal-Portugall fit-28 ta' April 2025. Dawn se jipprovdu għarfien ulterjuri li għandu jitqies fir-reviżjoni tal-qafas tas-sigurtà tal-enerġija bl-għan aħħari li jiġi żgurat li l-istruttura tas-sigurtà tal-enerġija tal-UE tkun robusta, reżiljenti, u kapaċi ttiproteġi liċ-ċittadini u lin-negozji Ewropej mill-isfidi tal-futur.

Is-sistema tal-enerġija ġiet affettwata ħafna wkoll minn diversi avvenimenti mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament, bħall-invażjoni fuq skala sħiħa tal-Ukrajna mir-Russja u żieda fir-riskji fuq l-infrastruttura kritika tal-enerġija. B'reazzjoni għal dawn l-avvenimenti, l-UE aċċellerat il-ħidma tagħha fuq leġislazzjoni ġdida biex ttiproteġi l-infrastruttura kritika minn attacchi fiżiċi u ċibernetiċi²⁵, wettqet testijiet tal-istress għall-infrastruttura kritika tal-enerġija²⁶ u saħħet ukoll il-kooperazzjoni ma' atturi oħra bħan-NATO²⁷. Aktar reċentement, l-UE intensifikat l-isforzi²⁸ biex ittejjeb is-sigurtà tal-infrastruttura tal-kejbils sottomarini tagħha b'rispons, fost l-oħrajn, għat-theddid dejjem akbar għall-kejbils sottomarini²⁹ kkawżat mill-attivitajiet illeċiti tal-flotta mistura Russa. Dawn l-iżviluppi reċenti tqiesu biss fl-istruttura tal-enerġija attwali sa ċertu punt u fil-forma ta' rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri li jinsabu fl-opinjoni tal-Kummissjoni dwar il-Pjanijiet, pereżempju biex jiġu implimentati r-riżultati tat-testijiet tal-istress jew biex tiżdied il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet responsabbli għas-sigurtà tal-provvista u l-atturi taċ-ċibersigurtà.

Bl-istess mod, il-Kummissjoni tista' tirrakkomanda biss lill-Istati Membri biex jinkludu kunsiderazzjonijiet dwar it-tibdil fil-klima, bħall-vulnerabbiltà u r-riskji klimatiċi, fil-pjanijiet tagħhom. Il-Kummissjoni Ewropea issa ppubblikat l-ewwel Valutazzjoni tar-Riskju Klimatiku fl-Ewropa³⁰ li qatt wettqet, li kkonkludiet li s-settur tal-enerġija huwa mistenni li jesperjenza żieda qawwija fid-dannu ekonomiku annwali fl-infrastruttura kritika, meta mqabbel mas-settur tat-trasport, mas-settur tal-industrija u mas-settur soċjali u rrakkomandat it-tisħiħ tal-ippjanar tar-riskju klimatiku fis-settur tal-elettriku³¹. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ppreżentat l-Istrateġija għal Unjoni tal-Preparatezza³² biex tagħti spinta lill-kapaċità tal-UE li tantiċipa, tipprevjeni u tirrispondi għat-theddid bla preċedent li qed tiffaċċja l-Unjoni Ewropea – minn tensjonijiet u kunflitti ġeopolitiċi, riskji għaċ-ċibersigurtà u riskji ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni, sat-tibdil fil-klima u riskji dejjem akbar ta' perikli naturali. Din l-istrateġija tipprevdi l-iżvilupp ta' valutazzjonijiet komprensivi tar-riskji u tat-theddid tal-UE.

²⁵Id-Direttiva (UE) 2022/2557 dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi (CER, Resilience of Critical Entities), ĠU L 333, 27.12.2022, p. 164. Id-Direttiva (UE) 2022/2555 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha (NIS2), ĠU L 333, 27.12.2022, p. 80.

²⁶ Ara l-Punt 6 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2022 dwar approċċ ikkoordinat mal-Unjoni kollha biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika, ĠU C 20, 20.1.2023, p. 1.

²⁷ Ara t-[Task Force UE-NATO dwar ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika](#)

²⁸ COM/2025/440 final/2.

²⁹ JOIN (2025) 9 final.

³⁰ [Valutazzjoni tar-Riskju Klimatiku fl-Ewropa](#)

³¹ COM(2024) 91 final.

³² JOIN/2025/130 final.

Barra minn hekk, is-sistema tal-enerġija Ewropea għadha għaddejja minn trasformazzjoni profonda xprunata mill-ħtieġa ta' dekarbonizzazzjoni u elettrifikazzjoni tal-ekonomija, li l-effetti tagħha diġà huma tanġibbli. Il-qafas jeħtieġ li jħejji għal tali bidliet sabiex tiġi ppreżervata s-sigurtà tal-provvista fl-Unjoni.

Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal hawn fuq, **reviżjoni tal-qafas eżistenti** tidher essenzjali biex jiġi żgurat li tkun adattata għall-iskop tagħha li jiġu indirizzati sfidi ġodda. Is-sejbiet ta' dan ir-rapport u l-kontroll tal-idoneità se jinfluwenzaw l-inizjattivi ta' politika futuri tal-Kummissjoni biex tissaħħaħ is-sigurtà tal-provvista tal-elettriku fil-livell tal-Unjoni.